MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2004

Appell Kriminali Numru. 33/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Vella talli fit-8 ta' Ottubru, 2002 f'dawn il-Gzejjer fl-isemmija data u fix-xhur ta' qabel, sa mis-26 ta' Frar, 2002, bhala persuna li ftiehem jew accetta li jixtri jew ibiegh, skrapja jew b'xi mod iehor iddispona mill-vettura Nru. EAL-784, naqas li jaghti avviz bi-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, dwar il-bidla tas-sid jew twellija ta' l-imsemmija vettura. Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmija persuna li tesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti taht penali ta'

ammenda ta’ mhux aktar minn zewg liri kull jum fin-nuqqas, u dan ai termini tal-Artikoli MVR 26, Sec. 321 Chap. 10;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta’ Jannar, 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Vella hati u kkundannat lill-imputat ghal multa ta’ hamsin liri Maltin (Lm50) u ordnat li t-trasferiment tal-vettura jsir fi zmien hmistax-il gurnata taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kull jum;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Carmel Vella minnu pprezentat fl-4 ta’ Frar, 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka ossia tannulla l-ewwel sentenza stante l-ksur tal-principji suindikati u tordna l-prosegwiment tal-kawza fi stadju ta’ appell jew billi tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti jew fin-nuqqas, fil-mertu thassar u tirrevoka l-istess sentenza u tillibera lill-appellant minn kull piena u imputazzjoni b’riserva li jressaq kull xhud, anke dawk li ried jipproduci fl-ewwel istanza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda ta' l-appellant u t-trattazzjoni dwar l-aggravju tan-nullita` tas-sentenza appellata;

Ikkunsidrat:-

Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant isostni li bil-mod kif giet kondotta l-kawza quddiem l-Ewwel Qorti, mhux biss gie priv mid-dritt baziku li jkun assistit minn avukat tal-fiducja tieghu, izda gew ukoll miksura l-principji ta' gustizzja naturali meta gharraf li ghandu x-xhieda x'jipproduci u allura nkiser il-principju tal-*audi alteram partem*. Fl-imsemmi rikors jispjega:

"Illi fis-seduta tat-23 ta’ Jannar, 2004 1-appellant kien prezenti ghas- seduta u meta gie mghajjat dahal fl-Awla in kwistjoni u kien assistit mill-Avukat Dr. Charmaine Zammit mentri 1-akkuzat l-iehor u cioe Kenneth Kirkham li allegatament ittrasferielu l-vettura in kwistjoni kien assistit

minn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi. Hekk kif kienu se jinbdew jinstemghu il-provi tal-Prosekuzzjoni, il-kawza giet posposta peress li r-rapprezentant tad-Direttur tal-Licenzji kien assenti mill-Awla. L-appellant ghalhekk hareg mill-Awla u rega' dahal meta rega' gie msejjah. F'dan il-mument l-imsemmi Kenneth Kirkham kien assistit mill-avukat Dr. Zrinzo Azzopardi filwaqt li l-appellant kien sprovvist mill-avukat tal-fiducja tieghu. Pero` gara li nonostante li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet a konoxxenza li 1-appellant kellu jassistih avukat ghax kif ser jigi spjegat aktar '1 isfel dan jemergi mill-verbal tal-istess kawza qabel ma giet posposta, xorta kompliet bil-prosegwiment tal-kawza minghajr ma staqsiet lill-appellant jekk kellux bzonn l-assistenza ta' avukat. Nonostante dan il-Prosekuzzjoni tellghu ix-xhieda kollha taghhom u xehed ukoll 1-appellant pero` din id-darba mhux assistit mill-avukat tal-fiducja tieghu. Wara dan il-Qorti, dejjem fl-assenza tal-konsulent legali tal-appellant, ghaddiet biex taghti s-sentenza appellata.

Illi kif jemergi car mill-artikoli 374 (a) (i), *375* (a) (c) u 519 tal-Kodici Kriminali f'kawzi sommarji, kull imputat ghandu dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali. Mill-verbal ta' din il-kawza huwa evidenti li l-Ewwel Qorti kienet konxja tal-fatt illi Dr. Zammit kienet qed tippatrocina lill-esponent, imma ciononostante fl-istess verbal m'hemm imkien imnizzel li l-Avukat Zammit regghet giet mghajta meta l-kawza regghet issejhet it-tieni darba. Illi lanqas ma jirrizulta illi l-Ewwel Qorti staqsiet lill-esponent riedx li jitqabbadlu avukat *ex officio* mill-Qorti sabiex jippatrocinah. Illi di piu` wara li l-Ewwel Qorti lahqet pronunzjat ruhha P.C. 228 Anthony Zammit informa lis-sottoskritt li waqt li l-esponent kien qieghed jixhed ghamel referenza ghall-avukat ta' fiducja u sahansitra indika li ghandu x-xhieda. Illi ghaldaqstant f'dan il-kaz kien hemm nuqqas lampanti ta' osservanza tal-procedura. Izjed minn hekk ma jirrizultax mill-atti jekk fl-istadju krucjali tal-kawza, u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jekk jixhidx jew le, jekk hu giex mistoqsi jekk riedx jixhed jew le. Kif qalet ben tajjeb din il-Qorti diversament presjeduta fissentenza Il-Pulizija vs Mary Portelli (Il-Qorti ta' l-Appell datata 29 ta' April, 1999) b'referenza ghall-fatt li l-imputata ma gietx

mistoqsija jekk riditx tixhed jew le qalet 'Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta’ l-ewwel sentenza'."

In vista ta' l-aggravju migjub mill-appellant huwa opportun li jigi riprodott *in toto* l-verbal tas-seduta li nzammet quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Jannar 2004:

"Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat assistit minn Dr Charmaine Zammit.

Deher l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Stephen Micallef.

Inqrat l-akkuza u l-imputat wiegeb illi mhux hati.

Il-kawza giet posposta.

Meta regghet issejhet il-kawza deher l-imputat.

Xehed Brian Farrugia Dir. L.O.
Xehed Kenneth Kirkham.
Xehed Carmel Vella.

Inghatat is-sentenza.

Il-kawza giet deciza.

Aktar tard dehru Dr Toni Abela u Dr Charmaine Zammit ghall-imputat fejn iddikjaraw illi Dr Charmaine Zammit kienet prezenti u ndikat li kienet l-avukat tieghu meta ssejhet l-ewwel darba u qabel ma giet posposta sabiex jidher id-D.L.O.

Gie dikjarat ukoll li l-imputat semma illi kellu avukat wara li regghet issejhet, izda ma setax jigi stabbilit jekk dana sarx qabel jew wara li nghatat is-sentenza.

Il-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha."

Meta l-appellant xehed quddiem din il-Qorti, spjega li l-Magistrat sedenti fl-Ewwel Qorti saqsieh jekk riedx jixhed u wara li wiegbu fl-affermattiv u ha l-gurament, indika lil

dik il-Qorti li kellu l-avukat. Huwa xorta ghazel li jixhed, izda semma wkoll li kellu xhud, it-tifel tieghu Aden Vella li, pero`, ma jirrizultax li ssejjah biex jixhed. In kontro-ezami qal hekk:

"Xhud:  … kif tlajt nixhed ghidtlu 'ghandi l-avukat', ghax kien diga` dahal l-avukat mieghi, jaf li kelli l-avukat.

Pros:  Pero` qabel jigifieri inti kont gejt mistoqsi mill-Qorti jekk taghzilx li tixhed jew le.

Xhud:  Iva.

Pros:  U inti ghazilt li tixhed.

Xhud:  Iva.

Pros:  Avolja kont taf li ma kellekx l-avukat hemm.

Xhud:  Imma jiena ghalhekk semmejtlu l-avukat, jiena ma nafhomx il-proceduri tal-Qorti."

Minn dawn ir-rizultanzi jidher li dakinhar li kellha tinstema' l-kawza l-appellant deher assistit minn avukat (Dott. Charmaine Zammit) izda l-kawza giet posposta apparentement peress li ma kienx ghadu deher ir-rapprezentant tad-D.L.O. Meta regghet issejhet il-kawza, din instemghet fl-assenza ta' l-avukat ta' fiducja tieghu. Huwa minnu li ma jirrizultax li l-appellant oggezzjona li jixhed fl-assenza ta' l-avukat tieghu u ghalhekk jidher li ta x'jifhem lill-Ewwel Qorti li setghet tipprocedi minghajr il-htiega tal-prezenza tad-difensur tieghu. Izda jekk verament indika li kellu l-avukat meta tela' jixhed, marbut mal-fatt li huwa kien diga` deher assistit u l-kawza kienet posposta biss minhabba n-nuqqas ta' dehra f'dak il-hin ta' xhud tal-prosekuzzjoni, dan certament kellu juri lil dik il-Qorti li l-appellant xtaq l-assistenza legali u ghalhekk hija kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519 tal_Kodici Kriminali - *multo magis* jekk l-appellant kien qieghed jindika li sahansitra kellu xhud li xtaq jipproduci *in difesa*. U mill-verbal suriportat la jirrizulta

li ssejhet Dott. Charmaine Zammit u lanqas ma jirrizulta li ttiehdu xi passi biex l-appellant ikun assistit.

Mill-konsiderazzjoni li din il-Qorti ghamlet tal-provi u tas-sottomissjonijiet li saru quddiemha, din il-Qorti hi propensa li taghti d-dubbju lill-appellant u tirrimedja ghal din is-sitwazzjoni billi tassigura li f'dan l-istadju ta' l-appell l-appellant ikun assistit legalment (dejjem purche` li jitlob tali assistenza, ghax anke quddiem din il-Qorti jista' jiddefendi ruhu wahdu jekk irid)[1] u billi, a tenur ta' l-artikolu 424 tal-Kodici Kriminali, tawtorizzah jipproduci bhala xhud lil ibnu Aden Vella.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-appellant sabiex tannulla s-sentenza appellata, tawtorizzah jipproduci f'dan l-istadju ta' l-apepll lil ibnu Aden Vella u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Joseph Falzon**, 10 ta' Gunju 1994 (Vol. LXXVIII.v.272); **Il-Pulizija vs Kristinu Giordimaina**, 30 ta' Settembru 1994 (zewg sentenzi).